



Brussell, 17 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0104(COD)

9167/19
ADD 1

CODEC 1051
JAI 498
FRONT 181
VISA 108
FAUXDOC 39
FREMP 68
IA 151

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mil-Latvja

Il-Latvja tilqa' l-ħidma tal-Presidenza dwar ir-Regolament immirat lejn it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u s-sigurtà tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu.

Il-Latvja temmen li b'mod ġenerali t-test ta' compromess miftiehem bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni ser isaħħaħ is-sigurtà tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza, biex b'hekk titnaqqas il-kriminalità, tiġi promossa s-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea, titjieb l-identifikazzjoni ta' persuni u tiġi promossa l-ġlieda kontra l-frodi ta' dokumenti u s-serq tal-identità.

Madankollu, il-Latvja jiddispjaċiha li l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 6(h) ta' dan ir-Regolament jippreskrivu l-inklużjoni tas-sinjal ta' distinzjoni li jikkonsisti fil-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument, stampat fin-negattiv f'rettangolu blu mdawwar bi tnax-il stilla safra. Il-Latvja temmen li dan is-sinjal ta' distinzjoni mhux ser jipprovdi karatteristika addizzjonali ta' sigurtà. Għalhekk, hija meħtieġa referenza ċara fit-test tar-Regolament għall-element tas-sigurtà tad-DOVID biex tipprovdi gwida ċara għall-implimentazzjoni teknika u b'hekk isservi bħala karatteristika ta' sigurtà addizzjonali għad-dokumenti tal-ivvjaġġar. Referenza bħal din tippermetti l-istampar tas-sinjal ta' distinzjoni f'viżibbiltà varjabbli fuq xi kampi ta' informazzjoni personalizzata.

Barra minn hekk, il-Latvja hija tal-opinjoni li dan is-sinjal ta' distinzjoni ser jokkupa wisq spazju, li kieku jkun jista' jintuża b'mod aktar effiċjenti, u mhux ser joqgħod b'mod armonjuż fid-disinn ġenerali tal-karta tal-identità.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-iżvilupp li sar fit-titjib tal-livell ta' sigurtà tal-karti tal-identità maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u d-dokumenti ta' residenza maħruġa lill-membri tal-familja tagħhom.

Madankollu, ma nistgħux naqblu mal-introduzzjoni mandatorja ta' data bijometrika fil-karti tal-identità u, għalhekk, ma nistgħux nappoġġaw il-proposta għal regolament kif inhi bħalissa. Ir-Repubblika Ċeka tista' biss tiegħu l-pożizzjoni opposta jekk id-data bijometrika (u speċifikament il-marki tas-swaba') jiġu inklużi fil-karti tal-identità fuq bażi volontarja biss.

Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, il-ħżin obligatorju ta' data bijometrika fil-karti tal-identità hija kwistjoni sensittiva ħafna għar-Repubblika Ċeka peress li l-maġġoranza tal-popolazzjoni hija obbligata li jkollha karta tal-identità.

Peress li nofs l-Istati Membri biss jirrikjedu li ċ-ċittadini tagħhom ikollhom karta tal-identità, ir-Repubblika Ċeka tqis li l-proposta għal regolament hija sproporzjonata.